# ĠORĠ PISANI



# MANANNI



Phyllis Debono – Is-Seminarju tal-Virtù



Għad-dell tal-bugonvilla,
fil-bitħa kollha ħdura,
fejn ma taħkimx tax-xemx il-qilla



Mananni
tgħanni
u ċċekċek iċ-ċombini tal-bizzilla.





Fuq wiċċ it-trajbu tagħha
Toħloq il-ġmiel ta' moski, ward u slaleb,
Kultant ukoll xi stilla.



U hekk it-tvalja wiesgħa
minsuġa moski u fjuri,
tiżdied u tikber dejjem
sabiex fl-aħħar tinfirex
fuq l-imwejjed tal-kawba tas-sinjuri

U taħseb, waqt ix-xogħ'l, Mananni taħseb
fl-ikel magħżul u bnin, imħawwar sewwa,
li, ġo platti tal-fidda,
ġurnata għad jitqiegħed
fuq wiċċ it-tvalja tagħha.



# U l-ħsieb tal-ikel sħun u tal-inbid jifthilha dlonk l-aptit.



Għalhekk Mananni tidħol ġewwa
sabiex titrejjaq ftit
b'nofs ħobża tal-maħlut,



biż-żejt miksija,
tadam żenguli
u ġbejna tal-bżar Għawdxija.

